MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Appell Civili - Ghawdex Numru. 85/2003/1

**Morina Aquasport Limited**

**vs**

**David Apap**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Dicembru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Rapprezentanti danni kkagunati mill-konvenut lis-socjeta' attrici waqt li l-konvenut kien fl-impieg ma' l-istess socjeta' attrici, fis-sajf tas-sena 2002.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sa l-effettiv pagament."

Ra r-risposta:

"Illi t-talba attrici hija nfundata fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenut qatt u bl-ebda mod ma kkaguna ebda danni lis-socjeta' attrici fis-sajf tas-sena 2000 (sic).

Bl-ispejjes.

Sema' l-provi li gew imressqa kollha mill-konvenut;

Ikkunsidra:

Illi s-socjeta' attrici naqset milli tipproduci xi prova in sostenn tal-allegazzjoni minnha maghmula.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi milli jichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici."

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza bl-aggravju illi t-Tribunal ikkommetta ksur tal-principju "audi alterm partem" ghaliex ma tahiex l-opportunita` tressaq il-provi taghha.

It-twegiba tal-konvenut ghal din il-kritika hi bl-oppost tal-aggravju sottomess. Huwa jikkontendi illi t-Tribunal adit mexxa l-procediment tal-kawza bir-reqqa, fl-osservanza tal-ligi u fir-rispett tal-gustizzja naturali.

Bl-aggravju interpost il-Qorti hi invitata tezamina jekk, kif allegat, kienx hemm vjolazzjoni da parte tat-Tribunal tar-regola tal-'audi alteram partem'. Indiskutibilment, din hi regola ta' importanza massima tal-gustizzja naturali li ghandha dejjem tigi applikata mill-Qorti u minn kull tribunal specjali. Naturalment din l-istess regola trid tigi mharsa fir-rispett shih tal-ligi partikolari li tghodd ghall-kaz.

Dan affermat, il-Qorti trid allura tinvesti jekk f'dan il-kaz it-Tribunal, kif qed jigi akkuzat mis-socjeta` appellanti, pprivahiex mill-opportunita` li tressaq il-provi taghha jew li

taghmel dawk l-osservazzjonijiet li hi kellha fid-dritt li taghmel.

Jigi qabel xejn osservat illi filwaqt li l-ligi gustament tahseb li "l-gudikatur ghandu jirregola l-procedimenti quddiem it-Tribunal kif ikun jidhirlu xieraq skond id-dettami tal-gustizzja naturali" (Art 9(1) tal-Kap 380) tipprovdi wkoll illi t-Tribunal, bhala organament sommarju, mhuwiex marbut bil-provvedimenti sagramentali tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, tant li kif dispost,

(i) ghandu jizgura li l-kawza ma ttulx, u possibilment tinstema' u tinqata' fl-istess jum tas-smiegh – subinciz (a) ta' l-Art 9(2);

(ii) jitgharraf b'kull mod li jidhirlu xieraq u minghajr l-irbit dwar l-ahjar prova - subinciz (b) ta' l-Art 9(2); u

(iii) l-ebda procediment quddiemu ma jitqies invalidu minhabba n-nuqqas ta' tharis ta' xi formalita` (Art 9(3)).

Manifestament ghalhekk it-Tribunal ghandu r-regoli pekuljari tieghu li jridu jigu osservati u allura l-principju tal-gustizzja naturali nvokat mis-socjeta` appellanti ma jistax jigi izolat mill-konsiderazzjonijiet tan-normi specjali tal-Kap 380.

Stampa akkurata ta' l-atti tal-kawza turi x'kien l-iter processwali taghha:

i. Fl-udjenza tal-24 ta' Settembru 2003, kif verbalizzat, il-kawza giet differita ghat-8 ta' Ottubru 2003 ghall-<u>provi kollha tas-socjeta` attrici</u>;

ii. Fit-8 ta' Ottubru 2003 ma sar xejn peress illi r-rapprezentant tas-socjeta` attrici kien gja avza fl-udjenza precedenti li kien ser ikun imsiefer. Il-kawza giet allura differita ghas-17 ta' Ottubru 2003 ghall-istess skop tal-verbal ta' qabel;

iii. Fis-17 ta’ Ottubru 2003 l-avukat tas-socjeta` attrici talab differiment u l-kawza differita ghall-ahhar darba <u>ghall-provi kollha tal-partijiet</u> ghas-6 ta’ Novembru 2003;

iv. Fis-6 ta’ Novembru 2003 kien il-konvenut biss li ressaq il-provi kollha tieghu, mentri s-socjeta` attrici llimitat ruhha biex tiddikjara li ser tressaq il-provi bil-mezz tal-affidavit. Dawn l-affidavits kellhom jigu prezentati zmien hmistax. Il-kawza ghalhekk giet differita ghall-provi kollha li jkun baqa’ ghat-28 ta’ Novembru 2003;

v. Skond il-verbal tat-28 ta’ Novembru 2003 it-Tribunal innota li l-Affidavits baqghu ma gewx intavolati u kkummenta dwar il-mod kif gie imressaq rikors ghal differiment. In vista ta’ dan it-Tribunal iddifferixxa l-kawza ghas-sentenza.

Din il-Qorti dehrilha li kellha tillustra s-suespost perkors tal-kawza biex tara jekk is-socjeta` appellanti ghandhiex ragun fil-lanjanza centrali taghha, jew jekk hux possibbli illi b’xi mod issib motiv, anke wiehed minimali, biex tiggustifika t-talba tar-revoka tas-sentenza appellata li qed issirilha fuq il-bazi definita fl-aggravju. Sfortunatament ghas-socjeta` appellanti din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni konvincenti biex takkolji talba bhal din. Certament, in-nuqqas ovvju tas-socjeta` appellanti biex tuzufruwixxi ruhha, fiz-zmien lilha akkordat, mill-opportunita`, ghall-aktar minn darba, biex tipproduci l-provi taghha, n-non kuranza taghha fil-kors tal-proceduri, kienu pjenament jiggustifikaw lit-Tribunal biex jghaddi ‘l quddiem ghal pronunzjament tas-sentenza. Konsiderati d-disposizzjonijiet specjali tal-ligi l-Qorti ssib li t-Tribunal kien pjuttost pacenzjuz izzejjed mas-socjeta` appellanti.

F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma ssibx illi s-socjeta` appellanti rnexxielha tikkonvinci illi hi giet priva ingustament milli tigi mismumgha, u allura gjaladarba, kif irrizulta l-htija ma tistax hlief tigi addebitata lilha stess, jissubentra l-principju daqstant iehor importanti illi “qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire” (**Kollez. Vol XXXIX pI p395**).

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi michud u s-sentenza appellata, konfermata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza kontra s-socjeta` attrici appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------